VALLE D’AOSTA & PIEMONTE

Skopri l-ġmiel ta’ Valle d’Aosta u Piemonte, fost muntanji maestużi, bliet storiċi u x-xenarju pittoresk ta’ Chamonix u Annecy fi Franza.





GRUPP A · EASTER HOLIDAYS	GRUPP B	GRUPP Ċ
24–30 ta’ Marzu	**5–11 ta’ April**	**10–16 ta’ Mejju**

L-Ewwel Jum – Milan u Aosta

Niltaqgħu fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta fl-10.30 għat-titjira **KM624**, li titlaq fin-12.35 u tasal Milan fl-14.35. Transfer bil-kowċ lejn **Valle d’Aosta** fost muntanji u widien mill-isbaħ. Akkomodazzjoni f’hotel ta’ 4 stilel fiċ-ċentru t’Aosta, sistemazzjoni tal-kmamar u ħarġa mal-leader.

It-Tieni Jum – Aosta, Breuil-Cervinia u Saint-Vincent

Breakfast u walking tour mal-belt pittoreska ta’ **Aosta**, magħrufa bħala Ruma tal-Alpi. Naraw Piazza Émile Chanoux, Porta Pretoria, l-Ark ta’ Awgustu, il-kumpless ta’ Sant’Orso u l-katidral ta’ Aosta. Ikollna ħin liberu biex inżuru s-suq. Wara nofsinhar immorru bil-kowċ lejn **Breuil-Cervinia** għal dawra fost veduti tal-glaċieri. Inkomplu lejn **Saint-Vincent**, magħruf għall-Casinò de la Vallée, fejn nieqfu għal sightseeing.

It-Tielet Jum – Annecy

Wara l-buffet breakfast inżuru **Annecy** fl-Alpi Franċiżi. Fid-dawra mal-belt antika naraw il-Palais de l’Isle, il-Katidral ta’ Saint-Pierre, il-Knisja ta’ Saint-François, il-kastell u l-kanali. Ikollna ħin liberu għax-xiri u sightseeing. Min irid jista’ jagħmel cruise fuq il-lag (ħlas extra) jew igawdi passiġġata max-xatt.

Ir-Raba’ Jum – Chamonix u Courmayeur

Inżuru **Chamonix**, ski resort pittoresk fl-Alpi Franċiżi fir-reġjun ta’ Haute-Savoie. Nagħmlu dawra mat-toroq bil-boutiques u l-bini tipiku. Min irid jista’ jitla’ sal-**Aiguille du Midi**, f’għoli ta’ 3,842 metru (ħlas extra). Ikollna ħin għal xi ikla tipika qabel inkomplu lejn **Courmayeur**, taħt il-Monte Bianco. Nagħmlu dawra bil-mixi ma’ Via Roma u nieqfu fil-Caffè della Posta.

VALLE D'AOSTA & PIEMONTE





Il-Ħames Jum – Torino u l-Bażilika ta' Superga

Illum immorru **Torino**, il-kapitali tal-Piemonte. Fis-city tour naraw il-Palazz Rjali, Palazzo Madama, il-Mole Antonelliana, Piazza San Carlo, Via Roma, Piazza Castello, Palazzo Carignano u l-katidral fejn jinżamm il-Liżar ta' Kristu. Wara ftit ħin liberu nkomplu lejn il-**Bażilika ta' Superga**, opra ta' Filippo Juvarra.

Is-Sitt Jum – Gran Paradiso, Lillaz u Cogne

Wara l-buffet breakfast inżuru l-**Park Nazzjonali tal-Gran Paradiso**, li kien riżerva tal-kaċċa tal-familja Savoia. Ingawdu veduti ta' muntanji, foresti u nixxigħat li jinżlu lejn il-wied tad-Dora Baltea. Fost l-annimali tal-park hemm l-ibex, il-kamoxx u l-ajkla. F'**Lillaz** naraw it-tliet kaskati u nagħmlu passiġġata fil-villaġġ ta' **Cogne**. Inżuru wkoll fabbrika tal-grappa biex naraw kif tinħadem, induquha u jkollna ħin nixtru mill-prodotti.

Is-Seba' Jum – Novara (Grupp A · Easter Holidays)

Wara l-breakfast u ċ-check-out nitilqu lejn **Novara**. Nagħmlu dawra mal-leader fiċ-ċentru storiku, fejn naraw il-Bażilika ta' San Gaudenzio, il-Katidral ta' Santa Maria Assunta u l-kumpless tal-Broletto. Wara ftit ħin liberu nkomplu lejn l-ajruport ta' Linate. It-titjira titlaq fil-15.35 u tasal Malta fis-17.35.

Is-Seba' Jum – Milan (Gruppi B u Ċ)

Wara l-breakfast nitilqu lejn **Milan** fejn naraw il-Katidral, Piazza del Duomo, Teatro alla Scala u Castello Sforzesco. Wara ftit ħin liberu nkomplu lejn l-ajruport ta' Linate għat-titjira **KM629**, li titlaq fit-20.40 u tasal Malta fit-23.10.

Prezz Kull Persuna

Eskursjonijiet u Taxxi Inklużi

Tip ta' kamra	Marzu	April	Mejju
Kamra ta' tliet persuni	**€1,010**	**€950**	**€1,080**
Kamra ta' żewġ persuni	**€1,030**	**€970**	**€1,100**
Kamra ta' persuna waħda	**€1,290**	**€1,200**	**€1,370**
Tfal sa 11-il sena	**€885**	**€860**	**€960**

Il-prezz jinkludi

- Titjiriet diretti mal-KM Malta Airlines lejn u minn Linate
- Bagalja ta' 20 kg u hand luggage
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
- 6 iljieli fil-Hotel Omama Social jew Hotel Cheval Blanc, it-tnejn ta' 4 stilel ġewwa Aosta
- Continental buffet breakfast kuljum
- Taxxi tal-ajruport, tour leader u insolvency protection

Il-prezz ma jinkludix

- City tax
- Entraturi, cable cars, boat trips, trains, eċċ.

Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm minħabba ċirkostanzi barra mill-kontroll tagħna.
Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.